**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Settembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Farr)**
**-vs-**
**Salvatore Micallef detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 594736M;**
**u**
**Rennie Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 294879M**

*Kumpilazzjoni Nru. 666/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati Salvatore Micallef u Rennie Micallef u ċioe`:

**Fil-konfront ta' Salvatore Micallef waħdu**:

F'dawn il-Gżejjer nhar it-2 ta' Ottubru, 2021 ghal ħabta tas-sitta u nofs u ħamsa ta' wara nofsinhar (18:35 hrs) ġewwa Triq Għajn Dwieli, Sqaq No.1, Paola u/jew fil-viċinanzi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-hajja fil-periklu ċar, ikkaġuna sfreġju gravi u permanenti fil-ġisem ta' Darren Galea liema ġrieħi ġew magħmula b'arma regulari, inkella bi strument jaqta' jew iniggez ;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qabad arma, strument u għodod oħra li jiġu klassifikata bħala arma irregolari.

**Fil-konfront tal-imputat Rennie Micallef waħdu:**

3. Talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-2 t'Ottubru 2021 ghal ħabta tas-sitta u nofs u ħamsa ta' waranofsinhar (18:35hrs) ġewwa Triq Għajn Dwieli, Sqaq Nru 1, Paola, kif ukoll fil-viċinanzi tal-madwar:

B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi haġa għad-dannu ta' Darren Galea.

**Fil-konfront tal-imputati Rennie Micallef u Salvatore Micallef:**

Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi:

4. Kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied;
5. Inġurjaw jew heddew lil Darren Galea.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi ghal garanzija ta' Darren Galea skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Novembru, 2022[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

**Fil-konfront ta' Salvatore Micallef waħdu:**

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 217, 218(1)(b)(2), 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Rennie Micallef waħdu:**

- Fl-artikoli 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Salvatore Micallef u Rennie Micallef flimkien**:

- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 7, 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ġunju, 2023, l-imputati taw il-kunsens tagħhom sabiex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

[1] Fol.67
[2] Fol.77

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-27 ta' Frar, 2024.

## IL-PROVI

L-**Ispettur Darryl Farr** taha r-retroxena tal-investigazzjonijiet kondotti minnu. Iddeskriva kif nhar it-2 ta' Ottubru, 2021, kien ġie infurmat minn PS2041 li sar rapport minn Darren Galea li kien ġie aggredit mill-imputati fejn sofra daqqa ta' arma bil-ponta f'rasu mingħand Salvatore Micallef. Galea ġie ċċertifikat li sofra ġrieħi gravi. Għalhekk hu taha struzzjonijiet sabiex il-Pulizija jirrikorru ġewwa r-residenza ta' Micallef sabiex jitkellmu mal-aggressuri u kif ukoll jiċċekkjaw jekk hemmx CCTV cameras. Saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza għall-arma, iżda din ma nstabitx. Salvatore Micallef u Rennie Micallef ġew ukoll infurmati sabiex l-għada, u cioè fit-3 ta' Ottubru 2021, jmorru ġewwa l-għassa ta' Bormla sabiex ikellimhom l-Ispettur. Huma hekk għamlu u ttieħditilhom l-istqarrija tagħhom.[3]

Mill-**Current Incident Report**[4], datat it-2 ta' Ottubru, 2021, jirrizulta li ċertu Darren Galea irrikorra ġewwa l-Għassa ta' Bormla fejn stqarr li dakinhar, ghal ħabta tas-18:35 hrs, waqt li ħareġ mill-għalqa ta' ċertu Mario Grima, qala daqqa ta' tornavit mingħand Salvatore Micallef. Spjega kif hu u ħiereġ mill-għalqa, lemaħ lil ċertu Salvatore Micallef jisboħ *double yellow lines* suwed u mill-ewwel qallu *"qbadtek li qed tisbohom inti"*. F'dak il-ħin, Micallef, li kellu f'idejh il-bott taż-żebgħa, pinzell, bott tat-*thinner* u tornavit, ħebb għalih. Wara ftit, ġie ukoll it-tifel ta' Salvatore Micallef, Rennie Micallef, li ħebb ghal Galea ukoll. F'ħin minnhom, Micallef il-kbir ta daqqa ta' tornavit lil Galea u laqtu f'għajnejh. Galea spjega li Salvatore kien ġa pprova jtieh daqqa ta' tornavit iżda ma laqtux

[3] Fol.40-43
[4] Fol.3 et seq

bl-intervent ta' ibnu Rennie li laħaqulu. Hekk kif Salvatore laqtu f'għajnejh, waqqfu jħebbu għalih. Hu informahom li sejjer jagħmel rapport l-Għassa. Galea ġie ċċertifikat mit-tabib tal-klinika ta' Raħal il-Ġdid li sofra ġrieħi gravi.

Meta Salvatore Micallef ġie mitkellem mill-pulizija hu stqarr li kien Galea li aggredih u ikkaġunalu xi ġrieħi li ġew ċertifikati bħala *'Slight of small consequence'*. Micallef stqarr li waqt li kien qiegħed jistkenn mix-xita mal-ġenb tat-triq, ħareġ Darren Galea bil-vann mill-għalqa li tinsab qrib ir-residenza tiegħu w x'ħin Galea raħ, dan niżel mill-van u beda jiġbed filmat bil-mobile filwaqt li qal lil Micallef *"mhux ha thallina bi kwietna hux?"* u sabbtu mal-ħajt. Kien għalhekk, skond Micallef, li hu iddefenda lilu nnifsu billi xejjer idejh li f'waħda minnhom kellu mazz ċwievet tad-dar u jgħid li seta' laqtu bihom. Wara qal li storda u waqa mal-art. Hekk kif beda jokrob bl-uġigħ semgħu ibnu Rennie, li kien id-dar, u mar għal ħdejh iżda sa dak il-ħin Galea kien telaq minn fuq il-post bil-van.[5]

Il-Current Incident Report ġie konfermat minn **PS2041 Elaine Cassar**.[6] Ir-rapport ittieħed minn **PC2408 Mariella Pisani** li kienet l-*orderly on duty*.[7]

*Stqarrijiet*

Fl-istqarrija[8] rilaxxata nhar it-3 ta' Ottubru, 2021, Rennie Micallef stqarr li huwa ma kienx involut fl-argument li nqala bejn missieru Salvatore Micallef u Darren Galea. L-imputat spjega li huwa kien id-dar u sema' lil missieru jgħajjat bl-uġigħ. Meta ħareġ sab lil missieru mal-art u Galea saq minn fuq il-post bil-vettura tiegħu. Jisħaq li ma ra l-ebda tornavit f'idejn missieru iżda biss mazz ċwievet u mobile *"Issa jekk tarlu malli waqa ma nafx"*.[9]

Min-naħa tiegħu, Salvatore Micallef stqarr li dakinhar tal-allegat inċident, huwa kien qiegħed jistkenn ma bieb ta' residenza mix-xita, *"iżda kont qed nixxarab xorta u kont sejjer lejn id-dar"* u mill-Jeep ha ċ-ċwievet tad-dar. F'ħin minnhom ħareġ 'il-Kajju', Darren Galea, li *"imtedd mal-ħajt u qad jikkumiedja bil-mobile.. .u jien dort mal-Jeep u qbadt tiela lejn id-dar u minnufih ħareġ minn gol-vann u taghni daqqa u habbatni mal-bieb u tefani mal-art u intlift min sensija"*.[10]

Stranament il-pulizija ma wettqitx tfittxija fil-Jeep li kienet fuq il-post fejn seħħet l-alterkazzjoni iżda llimitat ruħa għal tfittxija fir-residenza ta' Micallef!

---

[5] Fol.6
[6] Fol.22-24
[7] Fol.37-38
[8] Fol.9
[9] Fol.10
[10] Ibid.

**Darren Galea** beda x-xiehda tiegħu billi spjega li hu jżomm iż-żwiemel tiegħu f'għalqa li tiġi faċċata tar-residenza ta' l-imputati. Dakinhar tal-inċident meta kienu xi tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, hekk kif kien ħiereġ mill-għalqa, jara lil Salvatore Micallef jiżboh id-*double yellow lines* li jinsabu eżatt quddiem ix-xatba tal-għalqa tiegħu biex ikunu jistgħu jidħlu fil-garage li jappartjeni wkoll lil Grima (sid tal-għalqa). Kien għalhekk li niżel mill-vettura biex jagħlaq ix-xatba u dar fuq Micallef u qallu "*ma tistax tghid li mhux inti qed tizbohom id-double yellow lines*"[11]. Kif qallu hekk, Micallef mar għalih bil-bott taż-żebgħa u tornavit u beda jxejjer it-tornavit. Waqt li Galea beda jersaq lura u jevita li jintlaqat bit-tornavit, Rennie Micallef ġie minn "*wara jigri tani daqq ta' ponn habbatni go l-vann, ghamilli ghafsa fil-van. Imbuttani, qaccatli l-mera, imbaghad Salvatore, x'hin beda itini t-tifel tiegħu dahhalli t-tornavit go ghajnejja u fetahli ghajnejja. U cedew telquni. U stratjajt u tlaqt. Mort il-klinik.*" Semma kif Salvatore Micallef kien ilu mqabbad miegħu w kien jirraportah l-Animal Welfare Department u lis-Sanità kif ukoll kien heddu li jisparalu w sahansitra nieżel għalih u tah daqqa bir-ras. Ibnu l-kbir kien qallu jikkumpatih għax dan seħħ fi żmien il-covid u skond ibnu kien indannat għax kellu jibqa' ġewwa. [12]

Ix-xhud esebixxa ukoll ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib <u>Dr. Joseph Ignatius Azzopardi,</u>[13]fejn ġie ċertifikat li sostna ġrieħi ta' natura gravi. Ix-xhud esebixxa ukoll<u> stima </u>tal-hsarat li sofra fuq il-vann tiegħu, fl-ammont ta' €867.30c.[14] Din l-istima ġiet konfermata minn Marco Bugeja li semma kif l-Isuzu ta' Galea kellu mera tal-bieba imkissra u daqqa fuq il-mudguard ta' wara.[15]

**Salvatore Micallef** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda w qal li dakinhar tal-inċident kienet ħafna xita. Hu kien qed jirranġa l-magna tal-Jeep biex imur ghal VRT u minħabba x-xita daħal jistkenn wara bieb sabiex ma jkomplix jixxarrab. Huwa hu sejjer lejn daru ltaqa ma Darren Galea li qallu "*inti ma tridx thallina kwieti*?".[16] L-imputat, ikompli jispjega:

> ***Xhud:*** *Darren Galea ħareġ bil-vann iswed ghandu vann iswed u ħareġ bih, waqaf u qalli "Ma tridx thallina kwieti inti?". Nizel jigri ghax jien kont minn wara l-jeep ghax bdejt nirranga naqra l-jeep jien il-magna biex nitla ghall-VRT u qalli "Ma tridx thallina kwieti inti?" u jien sejjer lejn id-dar. Hareg jigri b'kemm jimxi, qabadni u... Ghandi l-din x'jghidulha ha nurihielek. Skuzani naqra. Qabadni mill-pavru ha nurik u qattahuli arah. Arah imqatta."*

---

[11] Fol.26-27
[12] Fol.27
[13] **Dok.DG1** a fol.29
[14] **Dok.DG2** a fol.30 u kopja a fol.50
[15] Fol.79
[16] Fol.83

Salvatore esebixxa t-shirt bl-għonq imqatta' li madanakollu lanqas jista' jingħad, imqar sal-grad tal-probabbli li dan kien l-istess flok li kien libes fl-aggressjoni.[17] Mitlub jispjega mill-Qorti d-dinamika kif Galea qabdu, Micallef isib diffikultà iwieġeb il-mistoqsija u hawn fejn ix-xiehda tiegħu ma tagħmel l-ebda sens u jidher biċ-ċar li m'għandix mis-sewwa tant li ma taqbel xejn minn dak li kien iddikjara mal-Pulizija *a tempo vergine*:

"*Xhud:* *Xejjirli, xejjirli kemm jiflah u jien kelli c-ċwievet f' idejja u lqattu* ***bit-tornavit*** *hawn bil-dan x' jghidulu, bic-cwievet qed tifhem?*
*Qorti:* *Mela minuta Salv. Dan Darren meta gibdek mill-flokk*
*Xhud:* *Iva, iva.*
*Qorti:* *Inti kont qed tarah jew ġie minn warajk kif kienet il-bicca Salv?*
*Xhud:* *Le ġie jigri hekk, ġie jigri*
*Qorti:* *Kien ħareġ mill-karozza hux hekk?*
*Xhud:* *Qabadni u xxekjani all right u dan kif jghiduha? U jien ghamiltlu naqra hekk u lqattu forsi bic-cwievet hux.*
*Avukat:* *U x' gara mbaghad inti? X' hin gibdek x' gara?*
*Xhud:* *Imbaghad dak kif jghiduha*
*Avukat:* *X' hin gibdek Salv ieqaf.*
*Xhud:* *Iva.*
*Avukat:* *X' gara mbaghad?*
*Xhud:* *Ha nkellmek jien. Kif jghidulha? Jiena jigifieri mxejt erba` passi u waqajt fl-art u ntlift minn sensija u wara kocc insib ruhi d-dar jigifieri forsi refghani t-tifel.*
*Qorti:* *It-tifel kien mieghek?*
*Xhud:* *Le, le ma kienx mieghi. Le ma kienx mieghi.*
*Qorti:* *Jigifieri inti kont qed tirranga mudguard*
*Xhud:* *It-tifel ma kienx mieghi qed tifhem imma sema` l-għajjat u ħareġ jarani fl-art. Nahseb rani fl-art qed tifhem.*
*Qorti:* *Inti meta kont qed tagħmel dan ix-xoghol fuq il-mudguard*
*Xhud:* *Skuzi?*
*Qorti:* *Inti ghidt li kont qed tirranga l-jeep habba l-VRT.*
*Xhud:* *Iwa.*
*Qorti:* *Issa hemmhekk jigifieri vicin id-dar tieghek?*
*Xhud:* *Iwa mhux il-boghod. Mhux il-boghod imma magenb bieb iehor jigifieri.*
*Qorti:* *Kemm hemm boghod?*
*Xhud:* *Dan l-isqaq qed tifhem u faccata hemmhekk mort nistkenn jiena minghalija kont qed nistkenn imma ma kontx qed nistkenn ixxarrabt sahansitra skuzani hafna*
*Qorti:* *Ixxarrabt sal-qalziet ta' taht.*
*Xhud:* *Sal-qalziet ta' taht*
*Qorti:* *Allura jekk kellek il-qalziet ta' taht imxarrab u ma kontx qed tistkenn xorta ghax ma mortx id-dar jekk kienet vicin?*
*Xhud:* *Iva kont qiegħed hdejn id-dar u ħareġ jigri minn gol-vann, qabadni u daqs kemm ixxejkjani hekk tefghani mal-art qed tifhem? U qomt naqra, mxejt*

---

[17] Fol.84. **Dok.SM** a fol.89

*erba` passi u waqajt u ntlift minn sensija u ma nafx min dahhalni d-dar imbaghad qed tifhem? Nahseb sema` t-tifel*

*Avukat:* *Mhux x' tahseb Salv. Ieqaf hemm. Mhux x' tahseb. Dak li gara dakinhar.*
*Xhud:* *Iwa.*
*Avukat:* *Daqshekk ieqaf ghalissa.*
*Xhud:* *Insib ruhi d-dar qed tifhem."*[18]

Mela fil-bidu jixhed li Galea beda *"Xejjirli, xejjirli kemm jiflah"* u wara jgħid li kien heżżu. Filwaqt li għall-ewwel jgħid li mexa u waqa' waħdu, idawwar il-verżjoni f'ħin ta' sekondi biex jgħid li kien Galea li tefgħu mal-art. Verżjoni li ma tgawdi minn ebda affidabbiltà.

**Rennie Micallef** ukoll għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda u semma kif fit-2 ta' Ottubru, ghal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, huwa kien id-dar u sema' xi għajjat fuq barra, mar jittawwal u sab lil missieru mixħut mal-art. Jgħid li huwa mar biex jiġbru u hemmhekk lemaħ lill-vittma Darren Galea jsuq minn fuq il-post.[19]

Ikkunsidrat,

***L-Ewwel Imputazzjoni addebitata lil Salvatore Micallef waħdu***

Għalkemm il-Qorti qed tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, hu ben assodat fil-ġurisprudenza li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni. Huwa fil-mansjoni tal-ġudikant li jipprova jasal għal min qed jgħid il-verità miċ-ċirkostanzi w l-assjem tal-provi l-oħra, u dan in omaġġ ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li xhud wieħed biss, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat:[20]

> Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

---

[18] Fol.85-87
[19] Fol.90-91
[20] **Il-Pulizija v. Charlton Chetcuti**. Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna. Deċiża nhar l-10 ta' Marzu, 2006. Numru 127/2006

"Fi kliem ieħor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz ieħor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkużat, u jekk tali versjoni setghet tiġi emmnuta w evidentement ġiet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar.[21] U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".[22]

Il-Qorti evalwat il-verżjonijiet tal-imputati kif ukoll dik ta' Darren Galea. Issib li hi l-verżjoni ta' Galea li ġiet korroborata mill-provi, li għandha mis-sewwa, ma fihiex kontradizzjonijiet u li hi kredibbli minn kull aspett.

1. L-attenzjoni għad-dettal tidher meta Galea jsemmi li Salvatore ma kellux biss tornavit f'idejh iżda *"bott taż-żebgħa, pinzell, bott tat-thinner u tornavit isfar bl-iswed…"*; dettal li juri kemm ra sew l-arma li sussegwentement ġie ferut minnha! Li kieku dan mhux minnu ma kien ser jieħu xejn billi jsemmi dawn l-oġġetti inokwi!

2. Dakinhar tal-inċident, Galea jgħid li kif ħareġ mill-għalqa sab lil Micallef jiżboh il-linji sofor u qallu *"ma tistax tghid li mhux inti qed tizbohom il-yellow lines?"*. Minn naħa l-oħra l-imputat Salvatore Micallef jgħid illi kif kien sejjer lejn id-dar, ħareġ il-vittma mill-għalqa u indirizzah billi qallu *"ma tridx thallina bi kwietna inti?"*. Jirrizulta għalhekk mill-verżjonijiet li taw iż-żewġ partijiet illi kien il-vittma li nissel l-ewwel kliem fil-konfront tal-imputat Micallef. Madanakollu, wieħed għandu jistaqsi x'kien dak li wassal lill-vittma sabiex ikollu reazzjoni? Għalhekk il-Qorti issibha diffiċli temmen illi l-vittma, qabad u indirizza lill-Micallef mingħajr ma sar xejn da parti tal-imputat sabiex tqanqal din ir-reazzjoni.
3. Ftit tagħmel sens il-verżjoni tal-imputati u senjatament dik ta' Salvatore Micallef li propju għażel jirranġa l-magna ghal VRT test – dwar liema test **qatt ma nġabet prova** – propju f'ġurnata meta kien nieżel dulluvju li xxarablu anke l-qalziet ta' taħt! Tirranġa magna fix-xita????

[21] Ara artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali

[22] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957

4. Jitfakkar ukoll kif *a tempo vergine* Salvatore Micallef ma semma l-ebda Jeep, li fi kwalunkwe każ jekk kif jgħid hu tant kienet nieżla xita li xxarablu l-qalziet ta' taħt, kemm tassew jagħmel sens li baqa jirranġa l-magna minflok ma qasam għal daru: *"ghax jien kont minn wara l-jeep ghax bdejt nirranga naqra l-jeep jien il-magna biex nitla ghall-VRT".*[23]

5. Kif qatt jista' jitwemmen Salvatore li baqa jistkenn mix-xita ħdejn bieb qrib id-dar tiegħu minflok ma qabad u mexa lejn daru li kienet pass il-bogħod, propju faċċata?

6. Għaliex stqarr li Galea *"imtedd mal-ħajt u qad jikkumiedja bil-mobile".*

   Hawn jiġi sottolinejat li din issemmiet *a tempo vergine* iżda meta xehed *viva voce* ma semma xejn dwar il-mobile phone li kien f'idejn Galea. Kif din id-darba Salvatore Micallef ma jsemmi xejn dwar li Galea kien qed jieħu ritratti jew video bil-mobile tiegħu?

7. Daqstant iehor jieħu falza stikka meta fil-verżjoni tiegħu fl-istqarrija jsemmi li kif **waqt li kien qed jaqa** seta laqat lil Galea meta hu magħruf li bniedem li ser jaqa mal-art, kif jgħid li ġara, awtomatikament jitbiegħed u mhux javviċina l-wiċċ – iktar u iktar lejn l-għajnejn - ta' dak li seta kkawża l-waqa! Iktar u iktar meta fix-xiehda tiegħu viva voce jgħid li Galea heżżu u tefgħu mal-art, "*qabadni u daqs kemm ixxejkjani hekk tefghani mal-art".*[24]

8. U għaliex Galea kellu għalfejn jiġbed filmat ta' raġel anzjan jistkenn mix-xita qliel li kienet nieżla?? Għalxiex kellu jieħu ritratti tiegħu jekk ma kienx qed jagħmel xi ħaġa biex jurtah?

   **Il-Qorti temmen li Salvatore jelimina dan il-fatt mix-xiehda *viva voce* propju għaliex kemm il-darba kien qed jieħu video jew ritratti qatt ma seta jkun li kien qed jheżżu u jaggredih, wara kollox par idejn taħ il-Mulej!**

9. Daqstant iehor ma tagħmilx sens il-verżjoni ta' Rennie Micallef li f'dik ix-xita qliel sema lill-missieru jokrob bl-uġigħ, ħareġ u refgħu w daħħlu ġewwa r-residenza tagħhom mingħajr ma mar jirrapporta l-għassa aggressjoni fuq bniedem anzjan intortament!

[23] Fol.84 per Salvatore Micallef
[24] Fol.87

10. L-inkonsistenza fil-verżjonijiet tal-imputati tkompli titla fil-wiċċ ikkunsidrat li t-tnejn jgħidu li Rennie kien id-dar x'ħin sema lill-missieru jokrob bl-uġigħ u dan propju li f'dawk il-ħinijiet kienet nieżla xita qliel. Ġaladarba darhom kienet pass bogħod, għalxiex Salvatore kellu joqgħod jistkenn ġo bieb ta' residenza oħra minflok daħal go daru? Il-verità hi li ma kien qed jistkenn xejn għax kien hu li pprovoka l-aggressjoni u hadd iżjed!!

11. Galea ma kienx ekonomiku fil-verżjoni tiegħu, anzi semma kif l-ewwel darba li Salvatore pprova jtieh bit-tornavit <u>kellu jkun Rennie li waqqfu</u>. X'kien hemm iżomm lil Galea milli jimplika lil Rennie u mhux jixhed favur tiegħu in kwantu għall-ewwel attentat fuqu?

12. Fattur iehor li jwassal sabiex din il-Qorti tkun moralment konvinta li l-ġrieħi li sostna l-vittma ġew kaġunati b'daqqa ta' tornavit minn id l-imputat, huma l-ġrieħi innifishom li sofra l-vittma. Miċ-ċertifikat mediku maħruġ dakinhar tal-aggressjoni, jirriżulta li l-vittma sofra minn – "*4cm laceration on the left eyebrow needing sutures; a 1cm laceration beneath left eye; a 1cm laceration underneath right nipple; 2 small abrasions (less than 1cm in diameter) in middle forehead*". It-tabib li kien ħareġ iċ-ċertifikat, Dr Joseph Ignatius Azzopardi, stqarr waqt ix-xiehda tiegħu illi l-laċerazzjonijiet huma **kompatibbli ma kwalunkwe arma li tkun bil-ponta inkluż mus jew tornavit.**

13. Inoltre mid-dehra tad-daqqa u t-tul tal-laċerazzjoni, jidher li din ma saret sempliċiment għax Galea intlaqat fejn kieku kien mistenni li tkun superfiċjali, iżda ntużat il-forza u ċioe kienet azzjoni volontarja.

14. Salvatore esebixxa t-shirt bl-għonq imqatta' li madanakollu lanqas jista' jingħad, imqar sal-grad tal-probabbli, li dan kien <u>l-istess flok</u> li kien libes fl-aggressjoni.[25] Tant hu hekk li, mistoqsi mill-Qorti diversi drabi kif qabdu Galea biex spiċċa b'biċċa żgħira bl-ghonq tal-flok mqatta, Salvatore jibqa' jevadi d-domanda!

15. U hawn il-Qorti bilfors tistaqsi: Possibbli li baqa jżomm dan il-flok tul dawn it-tlett snin minflok qabad u għaddih lill-pulizija meta ġie mitkellem minnha, kemm *a tempo vergine* kif ukoll meta ttieħdietlu l-istqarrija??? Fl-2021 ma semma xejn biex jeżonera lilu nnifsu w pprefera jgħaddi proċeduri kriminali u jibqa' jżommu sa meta jagħti l-verżjoni tiegħu! Il-Qorti ser tkun kawta milli tkompli tespandi fuq din "l-

[25] Fol.84. **Dok.SM** a fol.89

evidenza" jekk xejn minħabba dak li jipprovdi l-artikoli 103 u 188 tal-Kodiċi Kriminali!

16. Tant hu hekk li evidentement ħoloq provi qarrieqa billi qabad flokk li **b'galbu tneħħielu parti mill-pavru** minn mal-kumplament tal-għonq, tista' tgħid tneħħa bi preċiżjoni kirurġika. F'aggressjoni li tqaċċat pavru u l-materjal l-ieħor ma jintmiss diffiċilment tinfthiem, aktar u aktar meta qatt ma seta jkun li l-pavru jinqala minn mal-għonq f'parti żgħira ta' quddiem meta fil-verżjoni tal-imputat dan ġie minn quddiemu għax beda jheżżu. Kieku inġibed mill-pavru qatt ma seta jispiċċa fil-kondizzjoni li jinsab fiha dan il-flok! Hu ta' għajb tassew kif Salvatore Micallef jipprova jkompli jiżgwida l-Qorti minflok jagħraf għemilu u jitlob skuża!

17. Fix-xiehda minn tiegħu jikkonċedi li seta laqat lil Kajju f'wiċċu, iżda kuntrarjament għal dak li kien iddikjara *a tempo vergine,* meta qal li dan seħħ għax kien qed jiddefendi lilu nnifsu, fl-istqarrija meħuda l-għada tal-inċident, jsemmi li *"kont ser naqa ilqattu f'wiċċu biċ-ċwievet"* u jiċħad li kellu tornavit f'idu.[26] Għax kien ser jaqa laqtu jew meta kien qed jiddefendi lilu nnifsu mis-suppost aggressjoni li wettaq Galea fuqu?

18. Madanakollu *viva voce* toħroġ il-verità għalkemm jipprova jbenġilha biex ikompli bil-fabbrikazzjoni tiegħu: *"Xejjirli, xejjirli kemm jiflah u jien kelli c-cwievet f'idejja u lqattu **bit-turnavit** hawn bil-dan x'jghidulu, bic-cwievet qed tifhem?"*[27] .

    Hawn jidher ċar li **żelqitlu l-verità** ta' dak li seħħ u ċioe li **mhux ċwievet kellu f'idejh iżda tornavit!**

Fid-dawl tal-provi mressqa ma jifdalx dubbju li kienu l-imputati li aggredew lil Galea u mhux bil-kontra. Tant hu hekk li mhux biss il-ġrieħi soferti huma kompatibbli ma daqqa ta tornavit, fatt dikjarat minn żewġ tobba, iżda anke dwar il-hsarat li ġarrab l-Isuzu ta' Galea dawn jiġu korroborati mill-fatt li l-van safa b'mera mqaċċta u daqqa fuq wara. Kien dan li xehed Galea: *"wara jigri tani daqq ta' ponn habbatni go l-vann, ghamilli ghafsa fil-van. Imbuttani, qaccatli l-mera, imbaghad Salvatore, x'hin beda itini t-tifel tiegħu dahhalli t-tornavit go ghajnejja u fetahli ghajnejja. U cedew tequni. U stratjajt u tlaqt. Mort il-klinik."*[28]

In-Natura tal-Ġrieħi soferti minn Galea

[26] Fol.13
[27] Fol.85
[28] Fol.27

**Dr. Joseph Ignatius Azzopardi** kkonferma ċ-ċertifikat maħruġ minnu[29] filwaqt li xehed li Galea kellu *"lacerazzjoni ta' 4cm fuq left eyebrow li kellha bzonn xi punti. Kellu ukoll grif f'mohhu. Kellu 2 inqas minn cm il-waħda lejn in-nofs tal-mohh u lacerazzjoni ta' cm taht ir-right nipple u oħra ta cm wkoll taht l-ghajn ix-xellugija.....kienu kompatibbli ma kwalunkwe arma li tkun bil-ponta, jista' jkun mus, tornavit, arma bil-ponta bażikament...grievous kienu dawk li kienu jidhru, bhal ta' l-eye brow, il-left eye u tal-middle forehead."*[30].

Ġrieħi **varji** mhux f'post wieħed, kif jirriżulta kemm il-darba persuna tintlaqat aċċidentalment! Iktar minn hekk, ma jistax ma jissemmiex li ċavetta, li baqgħet lanqas ma ġiet murija lill-Qorti, ftit jista' jingħad li hi bil-ponta kif inhuma l-armi li jsemmi l-abbli tabib.

Dan il-fatt jerġa jiġi konfermat minn l-espert forensiku Dr. Mario Scerri li ikkonkluda li Galea *"spicca b'ċikkatriċi fuq is-supraorbital ridge tax-xellug."* Din iċ-ċikkatriċi kienet riżultat ta' laċerazzjoni li setgħet ġiet magħmula **minn tornavit**. Din iċ-ċikkatriċi tidher iżda mhux daqshekk konspikwa *from within walking [recte: talking] distance."*[31] Fix-xiehda tiegħu jgħid li din iċ-ċikkatriċi trid *"tkun taf biha biex taraha"*.[32]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:[33]

> **Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'iejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.**

L-istess Qorti diversament preseduta, eżaminat *funditus* it-tipi ta' offiżi fuq il-persuna fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[34]

---

29 **Dok.DG1** a fol.29. Xiehda a fol.47
30 Fol.48
31 Rapport **Dok.MS1** a fol.57
32 Fol.56
33 Per Onor. Imħallef David Scicluna
34 Per Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.; Appell Nru. 496/2015. Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body...*" (Sottolinear tal-Qorti);
18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum għal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

> **B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta għal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali għal dawk l-estremitajiet tal-ġisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura għal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok għal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond

l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza għal-diversi sentenzi oħra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit oħra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem ieħor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-ġisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka għal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti oħra tal-ġisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti oħra tal-ġisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab ħtija ta' offiza gravi qed tinsab ħtija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Caruana:** [35]

> .....Dr. Scerri kien ezamina lill-kwerelant dakinhar talincident u fid-deposizzjoni tieghu sentejn wara, dik tat-12 t'April 2012, Dr. Scerri jghid hekk: *"Naf li din ic-cikattrici ghadha prezenti pero' mhux daqshekk konspikwa minn talking distance"* (fol 36);
>
> 6. L-artikolu 216 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-offiza fuq il-persuna hija gravi, jekk, inter alia skond is-subartikolu (b) iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccitat b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996............,
>
> 7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfregju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wicc iggib nefħa wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefħa tghaddi wara ftit jiem. L-istess principju ser ikun diskuss filkonsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza;
>
> 8. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li **"tista"** thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiza **tista** ggib periklu tal-hajja, ta' debulizza permanenti fis-sahha, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-mohh, ukoll fl-

[35] Per Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D. Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016 Appell Nru: 220/2014

artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-sahha, l-marda fil-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett **"jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk".** Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward;

.........

Dik is-sentenza[36] ccitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:

> **L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet talgisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk imbaghad, lisfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) … L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni filwicc. Dan mhux korrett. Kif ga' nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.**

10. Dwar din l-offiza, l-ewwel Qorti *"kkonstatat icto oculi dak li xehed it-tabib Mario Scerri li l-marka fuq wicc l-kwerelant kienet visibbli biss minn talking distance u ma tistax pero' tinjora l-fatt li skond l-imsemmi tabib tista' tibqa' permanenti".* Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara de visu l-offiza li minnha jilmenta l-kwerelant u fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 kienet konstatata cikkatrici zghira ezatt fin-nofs tal-parti frontali ta' wicc il-kwerelant minn talking distance. Din il-Qorti izda tistqarr li kellha tistaqsi lill-kwerelant jindika fejn kienet ic-cikkatrici u dan peress illi ma kienitx daqshekk vizibbli. Dan izda wahdu ma jtellef xejn mill-element materjali tar-reat ravvizat fl-artikolu 216(1)(b) anzi jassoda dak li l-ewwel Qorti kkonstatat bhala offiza fuq il-fronti tal-kwerelant. Il-fatt li llum l-ferita ma tantx baqghet daqshekk vizibbli ma jfissirx li l-kwerelant ma sofriex sfregju fid-data tal-incident. Ifisser, ghall-kuntrarju, illi dakinhar l-kwerelant kien verament sofra sfregju kif konfermat mit-tabib li kkurah u li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet htija fl-appellant.
[Sottolinejar tal-Qorti]

Sentenza oħra minn dik il-Qorti ddikjarat:

Mill-punto di vista ta' dritt huwa minnu dak li ssottomettiet il-prosekuzzjoni, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, li l-mankament jew sfregju jista' jkun anke wiehed temporanju1 u mhux mankament jew sfregju gravi – jekk l-isfregju jkun gravi u permanenti allura jkollok l-offiza gravissima taht l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Pero` ghall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) in dizamina irid ikollok dejjem "mankament" jew "sfregju" f'wahda millpartijiet tal-gisem indikati f'din id-disposizzjoni – wicc, ghonq jew idejn. Il-kliem "mankament" ("deformity" fit-test ingliz) u "sfregju" ("disfigurement") ma humiex sinonimi.............

[36] **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999

> Ghalkemm it-tabib Dott. Dennis Mallia a fol. 28 tal-atti jghid li l-offiza hija gravi "minhabba l-post fejn kienet qieghda li kienet fil-wicc", il-posizzjoni fil-wicc wahedha mhix bizzejjed – kif inghad, wiehed irid jara l-entita` tal-hsara biex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li hemm "deformity" jew "disfigurement". Hekk, per ezempju, kieku d-daqqa jew daqqiet fil-wicc igibu nefha jew nefhiet, wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament, anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. Ovvjament, aktar ma jkun hemm offizi fil-wicc aktar jista' dak li jkun jitkellem dwar mankament jew addirittura sfregju. ........
>
> Huwa minnu li, kif iddepona l-okulista Dott. Jeffrey Zarb Adami, wara daqqa fuq l-ghajn hemm dejjem possibilita` fil-hames snin ta' wara li tizviluppa ketarretta; izda il-ligi tipprovdi, fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 216, li "jitqies li l-offiza setghet iggib dak il-perikolu fil-kaz biss illi dan il-perikolu kien probabbli minhabba n-natura jew ilkonsegwenzi naturali ta' l-offiza" (sottolinear ta' din ilQorti). Mera possibilita`, ghalhekk, anzi – fi kliem Dott. Zarb Adami – "cans zghir" (fol. 204) jew "riskju zghir" (fol. 206) ma tilhaqx il-livell tal-probabbli rikjest mill-imsemmi subartikolu.[37]

L-istess Qorti diversament preseduta kellha dawn il-konsiderazzjonijiet x'tagħmel:

> Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti osservat li l-offizi li jidhru fic-certifikat mediku (Dok. AB a fol. 13) ghandhom jitqiesu bhala offizi ta' natura gravi a tenur ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, u cioe` offizi li gabu sfregju fil-wicc. Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tara hi stess lil Clyde Muscat fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2007 u setghet tosserva li ghadhom jidhru marki zghar li jidhru mill-vicin. L-istess Clyde Muscat fil-fatt osserva: "Ma tantx jidhru". Ciononostante, dawn il-marki xorta jikkostitwixxu sfregju a tenur tal-ligi. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Camilleri** deciz fil-15 ta' Gunju 2001, intqal:
>
> **"Skond kif jiddisponi l-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, galadarba jirrizulta li hemm ferita fil-wicc, tali ferita ghandha titqies bhala gravi w dan irrispettivament minn jekk dik hiex ta' natura permanenti jew le. Ic-cirkostanza tal-permanenza o meno ta' dik il-ferita fil-wicc tittiehed in kunsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk dik l-offiza kinitx gravi ai termini ta' l-Artikolu 216 biss, jew kinitx gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218."**[38]

Għalhekk fid-dawl tal-ġurisprudenza appena enunċjata, in vista tal-fatt li skond it-tabib Scerri din iċ-ċikkatriċi baqgħet tidher, għalkemm hu minnu li trid tkun taf biha, dan jammonta għal sfreġju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

## *It-Tieni Imputazzjoni Addebitata lil Salvatore Micallef waħdu – L-Uzu ta' Arma Irregolari*

---

[37] Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent De Gaetano. Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008 Appell Kriminali Numru. 370/2007 **Il-Pulizija v. Desmond Falzon**

[38] Per Onor. Imħallef David Scicluna. Seduta ta' l-4 ta' Ġunju, 2008 Appell Kriminali Numru. 412/2006 **Il-Pulizija v. David Grech**

Din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata in kwantu l-arma li ntużat kienet tornavit u għaldaqstant titqies li hi arma irregolari ghalkemm tibqa waħda bil-ponta kif jikkontempla l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali.

*L-imputazzjoni ta' Ħsara Volontarja addebitata lil Rennie Micallef waħdu*

Kif intqal il-verżjoni ta' Galea tgawdi minn kredibbilità w konsistenza. Għalhekk il-Qorti ma tarax għaliex li m'għandiex tistrieħ fuqha in kwantu għall-fatt li Rennie Micallef wettaq hsarat fuq il-vettura tiegħu meta Micallef ġie minn *"wara jigri tani daqq ta' ponn habbatni go l-vann, ghamilli ghafsa fil-van. Imbuttani, qaccatli l-mera, ...."*.[39]

Iktar minn hekk il-ħsarat li jirrizulta li ġarrbet il-vettura ta' Galea jikkorroboraw il-verżjoni minn tiegħu, fejn l-istima li nġabet u li ma ġietx kontestata kienet dik ta' €867.30c.[40].

Għalhekk il-Qorti qed issib li din l-imputazzjoni ġiet soddisfaċentement ppruvata.

*L-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati Micallef.*

Dwar is-seba' imputazzjoni issir riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Ryan Falzon**:[41]

> Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti lartikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:
>
> *'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;'*
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Marianne Abela u Joseph Sant'[42]** gie kkunsidrat li:
>
> *'Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostatement interpretat minn din il-Qorti (ara Pulizija vvs Donald Zahra, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol. 10 XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali*

[39] Fol.27

[40] **Dok.DG2** a fol.30 u kopja a fol.50

[41] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera; Deċiża 14 ta' Mejju, 2020; Appell Nru: 298/2019

[42] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1984.

*li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentat b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Paul Busuttil'**[43] fejn gie kkunsidrat li:

*'Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:*

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).*

*A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza ghall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u speċjalment paġni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żghir ħafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' (Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

*Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku. Kif jghid awtur ieħor Skoċċiz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:*

*'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

[43] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ġunju, 1994.

*4. Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkoluminita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'**[44] gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u cjoe dik kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Ligi l-elementi tar-reat de quo. Ic-cirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jigi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku gew illustrati millQorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV pagna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat gew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuzjew minaccjużfih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaga oħra u aktar serja (bħal glied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għallbreach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) kontra Joseph Spiteri'**[45] gie kkunsidrat li:

*'Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib. Ghemil fih innifsu innocenti u perfettament legittimu, bhalma hu l-ghemil ta' tfal jilghabu f'bitha qabel, bejn jew wara llezzjonijiet tad-duttrina ma jistax oggettivament inissel tali inkwiet jew thassib. Jista' jammonta (Appell numru: 178/95) 13 ghal inkonvenjent, u anke inkonvenjent serju ghal xi individwu, pero' tali inkonvenjent ma huwiex kolpit bl-Artikolu 338(bb) in dizamina.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani'**[46] gie kkunsidrat:

---

[44] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015.

[45] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju, 1996.

[46] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995 (Appell numru: 228/94).

*'Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) talArt. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil (ara wkoll, Il-Pulizija v. Lawrence Scicluna, 18/11/94, u Il-Pulizija v. Nicholas Debono, 30/9/94, it-tnejn decizzjonijiet ta' din il-Qorti).'*

Fis-sentenza deciza ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella)**[47] ' gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l- imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.'*

Mir-riżultanzi proċesswali li ġa saret ampja riferenza għalihom, l-ewwel imputazzjoni (Nru. 4) tirriżulta pruvata sal-grad mistenni mill-prosekuzzjoni. Abbażi tal-istess provi t-tieni imputazzjoni ma tirriżultax pruvata.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali aġġornata tal-imputati, tal-fatt li tul dawn il-proċeduri l-imputati ma wrew l-ebda rimors għall-għemilhom u taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ.

Fil-konsiderazzjoniet tagħha dwar il-piena li għanda tiġi erogata lill-imputati w senjatament lil Salvatore Micallef, li waħdu hu akkużat li kkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq Galea, ġie mfakkar il-kliem erudit u meqjus ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-proċediment **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [48]

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil

[47] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2019 (Appell numru: 26/2019).
[48] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[49]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[50]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Snin qabel, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** qalet:[51]

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -

*"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace:**[52]

---

[49] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[50] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

[51] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

[52] Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t' Akkuża Nru. 27/2003

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.
Illi din il-Qorti meta tigi biex tqies jekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz tistax tapplika piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija tenut kont tat-trapass taz-zmien kif ukoll tal-eta' u l-istat ta' sahha tal-appellant, trid izzomm quddiem ghajnejha diversi fatturi.

**"Hu veru .... dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**

**' .... The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.' Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta ntiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"**

**Dan hu iktar il-kaz meta' skont Leo Page ga citat ikun kaz ta' reat 'so hurtful to the public' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha 'to protect the community' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[53] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[54]"**

Illi din il-fehma abbilment u superjorment imfissra sahansitra hafna snin ilu ghada issib applikazzjoni fil-gurnata ta llum u certament ghal kaz in dizamina. Illi ghalkemm huwa minnu li l-appellant illum huwa ragel anzjan u ukoll il-kundizzjoni ta' sahha tieghu hija wahda prekarja, madanakollu dawn il-fatturi ma jistghux jezonerawh mill-fatt illi huwa, ragel matur ta'kwazi sebghin sena, abbuza f'iktar minn okkazzjoni wahda minn tifla zghira ta' tmien snin.

Il-ġurisprudenza appena ċitata timmilita favur piena karċerarja minkejja l-età avvanzata tal-imputat. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti persuna anzjana kellha tkun ferm aktar responsabbli ta' għemilha għax għandha warajha l-esperjenza tal-hajja fejn il-bluha iċedi postha ghal maturità, fejn wieħed suppost ikun tgħallem jikkontrolla għemilu, jaħseb qabel jaġixxi u jwarrab l-impulsività.

[53] Il-każ kien jittratta fost akkużi oħra il-korruzzjoni ta' minorenni
[54] **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** hawn fuq ċitat

Madanakollu il-fedina penali aġġornata tal-imputat Salvatore Micallef turi li minn dakinhar l' hawn dan ma reġax xellef dufrejgħ mal-Liġi, b'dan l-aġir vjolenti ikun wieħed *out of character* fejn ma jirriżultax li l-imputat hu ta' xi periklu għas-soċjetà. Għalhekk il-Qorti mhux ser timponi piena karċerarja iżda ser tapplika l-provvediment ikkontemplat bl-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali biex jagħmel tajjeb għall-għemilu versu Darren Galea.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 7, 15A, 17, 23, 31 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

U

Fil-konfront ta' Salvatore Micallef waħdu, wara li rat ukoll l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 217 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu waħdu (1 u 2) kif ukoll l-imputazzjoni numru 4 miġjuba kontra tiegħu u Rennie Micallef filwaqt li tilliberah mill-ħames imputazzjoni;

U

Fil-konfront ta' Rennie Micallef waħdu, wara li rat ukoll l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih waħdu (numru 3) kif ukoll fl-akkuza numru 4 miġjuba kontra tiegħu u Salvatore Micallef, filwaqt tilliberah mill-ħames imputazzjoni,

U tikkundannahom kif ġej:

A. Lil Salvatore Micallef għal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin millum;

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lil Salvatore Micallef waħdu sabiex iħallas l-ammont ta' **tlett mija tmien Ewro u tletin ċenteżmu (€308.30c)** rappreżentanti spejjeż peritali.

B. Lil Rennie Micallef ghal ħlas ta' *multa* ta' **ħames mitt ewro (€500).**

A tenur tal-15A tal-Kodiċi Kriminali tordna lil Salvatore Micallef jikkumpensa lil Darren Galea fl-ammont ta' **tmien mitt ewro (€800)** għal ġrieħi kawżati minnu fuq il-parte leża u lil Rennie Micallef is-somma ta' **tmien mija seba' u sittin Ewro u tletin ċenteżmu (€867.30c) spejjez kawżati fuq il-vettura tal-parte leża.**

Finalment a tenur 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni tat-Trażżin kontra l-imputati a favur ta' Darren Galea għall-perjodu ta' sentejn (2).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**